



Brussell, 8 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15187/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0902(APP)**

**AG 136
PE 138
INST 434
FREMP 316**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 9333/22 (EP proposal), 14904/23	
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni ("Liġi Elettorali Ewropea") - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fit-3 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ewropew adotta abbozz ta' proposta leġiżlattiva għal Liġi elettorali ġdida¹ bbażata fuq l-Artikolu 223 TFUE.
2. Fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Novembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali ddiskuta l-elementi ewlenin tal-proposta, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-kostitwenza fil-livell tal-Unjoni, il-limiti elettorali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-jum tal-elezzjoni uniku.

¹ Dok. 9333/22.

3. Il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) iddiskuta din il-kwistjoni f'żewġ okkażjonijiet, fit-18 ta' Ottubru 2022 u fis-27 ta' Ġunju 2023. F'din tal-aħħar, il-Presidenza Żvediża ppreżentat ir-riżultati ta' stharrig² li kien ikkonferma d-diverġenzi wiesgħa fost id-delegazzjonijiet dwar firxa kbira ta' karatteristiċi. Il-Presidenza Spanjola (dak iż-żmien li kien jmiss) imbagħad kienet indikat l-intenzjoni tagħha li tkompli taħdem fuq il-proposta, filwaqt li tibni fuq l-istħarriġ.
4. Kif indikat fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-8 ta' Novembru, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) ser ikollu dibattitu ta' orjentazzjoni fil-15 ta' Novembru 2023 abbażi tad-dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza u l-mistoqsijiet li jinsabu fl-Anness.

² Dok. 10278/2/23 REV 2.

"Il-Liġi Elettorali Ewropea"

- Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza għad-dibattitu ta' orjentazzjoni -

Il-Presidenza Spanjola ħabbret fil-bidu tas-semestru tagħha li ser tkompli l-ħidma fuq il-Liġi Elettorali Ewropea. Hija ħadet l-impenn, min-naħa waħda, li tistieden lill-Istati Membri biex ikollhom dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAĠ) dwar l-aktar kwistjonijiet politikament importanti, bħall-kostitwenza Ewropea u l-listi tranżnazzjonali. Min-naħa l-oħra, ħadet l-impenn li torganizza dibattitu tekniku billi għabret fi gruppi l-Artikoli li dwarhom kien hemm l-aktar kunsens fost l-Istati Membri fid-dawl tar-riżultati tal-istħarriġ tal-Presidenza Żvediża.

Wara dan l-ewwel impenn, u fid-dawl tal-importanza mogħtija mill-PE lil dan id-dossier, kif ukoll ir-rabta tiegħu mad-dibattitu usa' dwar il-futur tal-Ewropa fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-Presidenza Spanjola tqis li huwa xieraq li dan id-dibattitu politiku jsir fil-KAĠ fil-15 ta' Novembru 2023. Dan id-dibattitu huwa maħsub biex jipprovdi gwida dwar il-ħidma futura fuq din il-proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-proposti dwar il-kostitwenza Ewropea u l-listi tranżnazzjonali.

Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati b'mod preliminari taħt Presidenzi preċedenti. Għadd sinifikanti ta' Stati Membri indikaw li ma setgħux jappoġġaw listi tranżnazzjonali, filwaqt li grupp ieħor qies li huwa essenzjali li l-Kunsill jittratta dawn il-proposti fil-fond. B'mod partikolari, l-ewwel u l-uniku dibattitu politiku dwar il-Liġi Elettorali Ewropea proposta sar taħt il-Presidenza Ċeka fil-KAĠ fit-18 ta' Ottubru 2022. L-Istati Membri esprimew il-pożizzjonijiet inizjali tagħhom dwar dawn il-kwistjonijiet. Fil-qafas tal-istħarriġ tal-Presidenza Żvediża dwar l-Artikoli tal-Liġi Elettorali Ewropea proposta, minn 13 sa 15-il Stat Membru kkunsidraw kull wieħed mill-paragrafi tal-Artikolu 15 – dwar il-kostitwenza elettorali unika – bħala "mhux aċċettabbli", minħabba, fost affarijiet oħra, problemi legali u istituzzjonali kbar fil-livell nazzjonali.

Il-Presidenza Spanjola tqis li l-armonizzazzjoni tas-sistemi elettorali tal-Istati Membri fl-elezzjonijiet Ewropej hija objettiv fit-tul raġonevoli, filwaqt li hija sensittiva għall-hteġa li jiġu ppreservati l-prinċipji elettorali tal-Istati Membri differenti, li spiss huma konnessi mal-qafas kostituzzjonali rispettiv tagħhom. Il-Parlament Ewropew jipproponi l-ħolqien ta' kostitwenza tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 15), bil-karatteristiċi li ġejjin: 28 siġġu (tal-anqas fl-ewwel elezzjonijiet), li jimtlew minn persuni li jiġu eletti miċ-ċittadini Ewropej permezz ta' vot differenti mill-vot tagħhom għal-listi nazzjonali (l-Artikolu 12.1). Meta jitfegħu l-vot tagħhom għall-kostitwenza fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini jagħżlu bejn sensiela ta' listi tranżnazzjonali maħluqa mid-diversi entitajiet elettorali Ewropej (partiti, koalizzjonijiet, raggruppamenti, eċċ.; Artikolu 2) li joħorġu għall-elezzjoni.

Il-listi tranżnazzjonali, ta' 28 kandidat, ikunu listi magħluqa, identifikati bil-logo tal-entitajiet elettorali Ewropej fuq il-karta tal-vot. Il-listi jkollhom 3 taqsimiet ta' 3 siġġijiet u kull taqsima tkun mimlija b'kandidati li ġejjin mit-tliet gruppi tal-Istati Membri li jinħolqu skont id-daqs demografiku. Fl-aħħar nett, it-tqassim tas-siġġijiet isir bil-metodu D'Hondt.

L-intenzjoni tal-Presidenza Spanjola hija li tkompli l-ħidma teknika abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ tal-Presidenza Żvediża. Għalhekk, tista' tibda l-ħidma fuq l-Artikoli relatati mal-projbizzjoni tal-votazzjoni doppja (l-Artikoli 4.2 u 4.3) u l-aċċessibbiltà tal-vot (l-Artikolu 7). Jekk ikun hemm kunsens, tista' tiġi kkunsidrata diskussjoni dwar raggruppamenti oħra ta' Artikoli relatati mal-ġeneru, il-kampanja elettorali, jew il-proklamazzjoni tar-riżultati. Għandu jiġi nnotat li d-diskussjoni teknika mhux ser tiffoka fuq il-formulazzjoni tal-Artikoli, iżda pjuttost fuq liema elementi sostantivi huma aċċettabbli sabiex isir progress fid-diskussjonijiet dwar it-test.

Mistoqsijiet għad-dibattitu fil-Kunsill

- *L-Istati Membri jgħidu li huwa fattibbli li jingħad l-quddiem fid-diskussjoni dwar il-kwistjonijiet aktar politiċi tal-Liġi Elettorali?*
 - *L-Istati Membri jaqblu dwar l-idea bażika ta' listi tranżnazzjonali u l-kostitwenza Ewropea? Il-problemi huma prinċipalment ta' natura teknika?*
-